MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 52/2014

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-ghaxra (10) ta’ Settembru tal-elf disa’ mija erbgha u disghin (1994) (Ara Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, wiehed minn liema ghadu minorreni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Nicholas Vella mill-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elf disa'mija disgha u disghin (1999); (Ara Dok B anness);

Illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni, (Ara Dok B, klawsola 6(iii), il-hlas ta' manteniment dovurt favur il-konvenuta u t-tfal tal-partijiet mir-rikorrenti kien gie sospiz sakemm hu jibqa minghajr impjieg. Jinghad illi mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni, r-rikorrenti dejjem baqa' jirregistra ghax-xoghol;

Illi r-rikorrenti irrinunzja ghal kull dritt ta' manteniment minghand il-konvenuta (Ara Dok B, klawsola 5);

Illi ghaldaqstant m'hemm l-ebda manteniment jew arretrati dovuti f'dan l-istadju la favur l-ulied u lanqas favur il-mara stante illi il-kundizzjonijiet hekk elenkati fil-kuntratt lkoll gew irrispettati;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erbatax-il sena (14) mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku

bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat in-nota tal-intimata li permezz taghha iddikjarat illi ma topponix ghat-talba tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Marzu, 2014;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Gunju 1999;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-

Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------